MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2008

Numru 912/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**versus**

**Marvin Zammit**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Marvin Zammit ta’ 19-il sena iben missier mhux magħruf u Marija Theresa Zammit imwieled fl-24 ta’ Lulju, 1986 fil-Pieta’ detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 340286 (M) u li joqgħod fil-fond Narċis, Triq Emvil Caruana, Msida

Akkużat talli

1. Fit-30 ta’ Lulju, 2005, għall-ħabta ta’ bejn l-għaxra u l-ħdax ta’ filgħodu, fil-Bajja ta’ l-Għadira tal-Mellieha, ikkommetta serq ta’ mobile phone Nokia għad-dannu ta’

Sinead Marie Caruana, liema serq huwa aggravat bil-valur;

2. U aktar talli fl-istess data' ħin u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer xjentement leqa' għandu u / jew xtara ħwejjeġ misruq, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' mobile phone tal-marka Nokia li għandu valur ta' mija u tletin lira Maltija (Lm130) għad-dannu ta' Sinead Marie Caruana;

3. U aktar talli sar reċidiv ai termini ta' la-rtikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr.Micahel; Mallia LL.D. nhar it-13 t'Ottubru, 2004 li hija definittiva u li ma tistax tiġi mibdula;

4. U talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostnzi kiser il-kundizzjonijeit li ġew imposti fuqu b'sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr.Anthony Micallef Trigona LL.D. nhar it-22 ta' Lulju 2003.

Rat l-atti kolha tal-proċess inkluż il-kunsens ta' l-Avukat Ġenrali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji u l-kunsens ta' l-imputat biex dawn ikunu sommarji (fol.4 u 7), l-istqarrija ta' l-imputat, l-ammissjoni ta' l-imputat, il-kopja tas-sentenzi "Il-Pulizija versus Jeffrey John Brincat, Kevin Scerri, Clint Scicluna u Marvin Zammit ' tat-22 ta' Lulju 2003 u 'Il-Pulizija versus Marvin Zammit tat-13 t'Ottubru, 2004, il-fedina penali ta' l-imputat, ir-rapport tal-Probation Officer dwar l-imputat, is-sett ritratti (a fol.11) kif ukoll il-verbal li bih dawn il-proċeduri tħallew għas-sentenza.

Stante li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih fl-ewwel seduta (fol.7) l-imputazzjonijiet huma ppruvati skond il-Liġi b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva għall-ewel waħda..

Il-Qorti tat zmien bizzejjed lid-difiza kemm biex tipproduci l-allegata sentenza tal-Qorti tal-Appell Krminali izda din qatt ma waslet mill-erbghatax (14) ta' Novembru 2007 sal-ewwel (1) ta' Lulju 2008.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 37, 49 u 50, 261 (c), 267, 279(a), 41(1)(a), 42(d), 316(b) u l-artikolu 23 tal-Kap 446 issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni waqt li mhix tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li din hija biss alternattiva għall-ewwel waħda.

Dwar il-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputat għamel dikjarazzjoni ta' ħtija bikrija, li kkopera mal-Pulizija kif ukoll li saret ir-restituzzjoni tal-mobile. Għalhekk il-Qorti, wara li applikat l-artikolu 17(b) tal-kap 9 u qieset sew dak li rraporta l-Probation Officer qed tikkundanna lill-imputat għall-perjodu ta' priġunerija ta' sebgha xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------